VALLETTA
*Città Umilissima*

MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Valletta

# 8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 39

l-Erbgha 27 ta' April 2022

Il-Kunsilli Lokali Valletta ltaqa' fl-Ufficcini tal-Kunsill Lokali fil-16.00hrs.

PREŻENTI:
Alfred Zammit – Sindku
Raymond Azzopardi – Viċi Sindku
Vincent Fabri – Kunsillier
Jurgen Briffa – Kunsillier
Lian Pace – Kunsillier
Christian Micallef – Minority Leader
Mark Spiteri Lucas – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 120A (20):
nil

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Gabriella Agius– Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

ippresjeda l-laqgħa.

## 39.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

nil

## 39.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

39.2.1 Il-Kunsill Approva il-Minuti tal-Laqgħa 36, 37 u 38

## 39.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

39.3.1 Is-Sindku nforma li kelli laqgha ma' Ufficjal gholi mil-Bank of Valletta. Gew diskussi diversi materji fosthom l-ilmenti dwar il-hinijet ta' stennija barra l-branch tal-Valletta ghar-residenti Beltin. Is-Sindku ddiskuta kif il-Bank of Valletta jisghu jghinu lill-kommunita' beltija billi jaghti 2 vetturi elettricii zghar biex ikunu jistghu jintuzaw fiz-zoni residenzjali. Dan ghal-beneficcju tar-residenti li jghixu kemm in-naha ta' fuq u anke naha t'isfel tal-belt. Dawn il-vetturi ser ikunu qed jghinu l-mobilta' tar-residenti biex jilhqu zoni li ma taddix l-133.

39.3.2 Is-Sindku nforma f'isem l-NAO, sar l-awditjar ta' sena 2021. Dan sar mil-kumpanija mqabda mil-divizzjoni tal-gvern lokali RSM.

39.3.3 Is-Sindku nforma li kellu laqgha ma Sur Victor Spiteri dwar ix-xoghol strutturali fuq il-pitch tal-waterpolo. Jidher li kien hemm problemi mal-kuntratturi li issa gew mitkellma. Ix-xoghol kellu jitlesta sa Mejju 2022 issa ser jitwal.

39.3.4 Is-Sindku nforma li saret zjara mil-Comune di Pisa. Gie ffirmat 'friendship agreement' li ser iwassal biex isiru progetti ewropej ta' skambju kemm ta' zghazagh kif ukoll twinning bejn iz-zewg Bliet. Wara li sar l-iffirmar f' Malta issa qed isir ftehim meta s-Sindku ser izur Pisa biex isir l-iffirmar hemmhekk ukoll.

39.3.5 Is-Sindku nforma wara li tkellem ma' l-Ambaxxatur ghal-Italia ser isir iffirmar ta' friendship agreement ma Cagliari ukoll. Din hija l-Belt kapitali ta' Sardenja.

39.3.6 Is-Sindku nforma li ser ikun qed jitlob rapport m'ghand il-kuntrattur tal-public conveniences minhabba l-fatt li qed ikollu hafna lmenti dwar problemi

Is-Sindku nforma LI ghas-sena d-diehla jixtieq li Jum il-Belt tkun iccelebrata a la grande u ghalhekk qed jahtar kumitat li jikkonsisti minnu, Jurgen u Christian biex jahdmu fuq programm flimkien.

## 39.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

39.4.1 Il-Kunsillier Jurgen Briffa tkellem dwar il-kuncert ta' sette guigno. Nforma li jekk ma jinqala xejn izjed dani il-kuncert ser isir kif pjanat.

39.4.2 Il-Vici Sindku Raymond Azzopardi staqsa jekk il-50,000 euro li tkellmu dwaru fil-laqgha precedenti kienux l-istess fondi li sar peacock garden. Huwa gie nfurmat li dawn kienu fondi ohra biex jintuzaw fuq nefqiet relatati ma upkeep tal-Belt.

39.4.3 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas tkellem dwar l-art exhibition li huwa xtaq jorganizza ghat-tfal Beltin. Huwa nforma li ma kienx hemm interess min naha ta' l-iskola Primarja.

39.4.4 Il-Kunsillier Mark Spiteri Lucas staqsa dwar korrispondenza mir-Regjun dwar il-gbir ta' skart organiku. Is-Segretarju Ezekuttiv infurmat li dan diga jsir dak il-hin, l-unika differenza li ser ikun qed jingabar minghajr hlas ghal hwienet kummercjali fil-weekend.

39.4.5 Il-Kunsillier Vince Fabri staqsa dwar x gara mil-appell ta' Rosselli. Gie nfurmat li l-kunsill dahhal ir-raprezentazzjoni tieghu mal-planning authority permess ta' l-avukat tal-kunsill.

## 39.5 Rapporti

39.5.1 NIL

## 39.6 *Items* oħra ta'Xogħol ieħor taIl-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa

39.6.1 Korrispondenza AKL Webinar- Diversity and Inclusion on Social Integration

39.6.2 Korrispondenza Regjun Port – Laqgha – Regional Cutlural Strategy

39.6.3 Korrispondenza AKL Free collection of organic waste from commercial establishments

39.6.4 Korrispondenza Community Inclusive Employment Scheme 2022

39.6.5 Korrispondenza AKL – European Opportunity for young local and regional politicians.

39.6.6 Korrispondenza

## 39.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat tal-Kumitat/iAmministrattiv/i

39.7.1 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li kienet qed tahdem fuq 2 films. Napolean u Hounds of War. Fiz zewg films gie assigurat li r-residenti jintlaqtu kemm jista jkun mil-inqas. Il-Hlas ta' zewg films sar fil-pront.

39.7.2 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li l-wiring system qed tinbidel kollha permess ta' progett ta' l-eu mil-IMU fi hdan id-dipartiment tal-gvern lokali. Ghalkemm ix-xoghol miexi gmielu pero kien hemm ftit dewmin minhabba natura tax-xoxghol u minhabba anke l-premises kif inhuma mqassma. Il-progett ser jibqa ghaddej zgur sa' tielet gimgha ta' mejju. Sa dan iz-zmien is-sala mhux ser tkun accessibli.

39.7.3 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li l-gaggeg li tpoggew fuq i-bejt tal-kumvent ta' giezu qed jigu monitored. Diga sar monitoring darba u ser jerga jsir nhar il-gimgha 13 ta' mejju 2022.

39.7.4 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li hija hadet sehem fil-laqghat li gew organizzati ghaz-zjara tal-Papa. Hija rringrazzjat lil-ghaqdiet beltin li kkollaboraw bis-sehem taghhom.

39.7.5 Is-Segretarju Ezekuttiv nformat li r-regjun qieghed ihejji s-sejha flimkien mad-dipartiment biex jinhareg tender ghal gbir ta' l-isktar fuq bazi regjonali.

39.7.6 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li qed terga tibda tahdem fuq Ceramic street signs.

39.7.7 Is-Segretarju Ezekuttiv nfurmat li ser ikun qed jigi ffirmat – The Green City Accord.

## 39.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport tal-laqgħat ta’ Kumitati u/jew Sotto Kumitati

39.8.1 NIL

## 39.9 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti

Ta’ Frar u Marzu 2022

Il-Kunsill aġġorna għal- 25 ta’ Mejju 2022 fl-5.00pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Alfred Zammit<br>Sindku | Gabriella Agius<br>Segretarju Eżekuttiv |